# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DIGRIET

**Kaz Numru 2878 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**il-*General Workers' Union***

**u**

**l-Korporazzjoni Enemalta**

**dwar l-ghoti jew ahjar in-nuqqas ta' *overtime moghti* lill-impjegati denominati fi hdan il-Korporazzjoni bhala Senior Operators, meta komparat ma' dawk denominati bhala *Operators* fis-sezzjoni ta' l-*Operations* fil-*Generation.***

**Illum 20 ta' April 2011**

## 1. Dahla

Nhar l-Erbgha 30 ta' Marzu 2011, fil-bidu ta' l-ewwel seduta l-Avukata Joanne Vella Cuschieri ghamlet riferenza ghall-ewwel artiklu tad-dikjarazzjoni tal-kaz tal-*General Workers' Union* fejn hemm miktub kif jidher hawn taht:

(1) Illi preliminarjament illi l-kostituzzjoni u l-kompozizzjoni tat-Tribunal Industrijali ma jiswiex ghaliex;

a) Fl-ewwel lok ma jsegwix dak li jipprovdi l-Att dwar l-Impiegi u Relazzjonijiet Industrijali (Kap.452 tal-Ligijiet ta' Malta, u

b) Fit-tieni lok, jikser id-dritt ghal smigh xieraq ta' l-esponenti, senjatament stante li ma jharisx dak li jghidu l-Artiklu 39 (2) tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-Artiklu 6 (1) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet u Libertajiet Fundamentali tal-Bniedem, kif sancita taht il-Kapitlu 39 tal-Ligijiet ta' Malta u taht l-obbligi internazzjonali ta' l-Istat ta' Malta.

## 2. Sottomissjonijiet tal-partijiet

2.1 L-Avukata Joanne Vella Cuschieri stqarret li l-*General Workers' Union* kienet disposta li tibda bil-prezentazzjoni taghha tal-kaz, izda fl-istess waqt talbet lit-Tribunal Industrijali biex jaghti decizjoni dwar l-eccezzjoni mressqa mill-*General Workers' Union.*

2.2 L-Avukat Andrew Borg Cardona ghall-kumpanija intimata, fil-waqt li stqarr li l-istess eccezzjoni kienet diga' giet deciza mit-Tribunal Industrijali diversament presjedut, esprima l-preokkupazzjoni tieghu li jekk it-Tribunal Industrijali jaghti l-istess decizjoni dwar l-eccezzjoni li nghatat fil-kaz Numru 2879 u jkompli jisma' l-kaz bil-possibilita' li d-digriet dwar l-eccezzjoni jew id-decizjoni jkunu appellati mill-*General Workers' Union* u akkordati mill-Qorti ta' l-Appell, ikun sar hafna xoghol ghalxejn b'konsegwenzi li jistghu jkunu difficli ghall-kumpanija intimata.

## 3. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

It-Tribunal Industrijali:

3.1 Ezamina l-eccezzjoni tal-*General Workers' Union.*
3.2 Ghamel riferenza ghall-minuti tas-seduta tat-Tribunal Industrijali fil-kaz Numru 2879/MF li saret nhar it-23 ta' Marzu 2011
3.3 Ra s-sub artiklu 73 (5) tal-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta.
3.4 Iddecieda kif gej.

## 4. Digriet

4.1 It-Tribunal Industrijali ddecieda li dan it-Tribunal Industrijali hu kostitwit skond il-Ligi u konsegwentement jichad l-eccezzjoni tal-*General Workers' Union.*

4.2 Is-Sur Mario Cutajar, wara li kkonsidra d-dispozizzjoni tal-*General Workers' Union* li t-Tribunal Industrijali jibda jisma' l-kaz u t-talba biex f'hin opportun l-istess Tribunal Industrijali jaghti decizjoni dwar l-eccezzjoni taghha, u wara li kkunsidra l-preokkupazzjoni li esprima l-Avukat Andrew Borg Cardona, b'mod partikolari l-konsegwenzi li jistghu jirrizultaw jekk it-Tribunal Industrijali kif kostitwit ikompli jisma' l-kaz, iddecieda li jirrikuza lilu nnifsu.

| A. DEGIOVANNI | J. FARRUGIA | M. CUTAJAR |
|---|---|---|
| Chairman | Membru | Membru |